**PARROĊĊA TA’ SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

15 ta’ Jannar, 2023

# ĦAMES PILASTRI

Qegħdin fil-bidu ta’ sena ġdida. Kulħadd ifittex jara x’riżoluzzjonijiet jista’ jieħu biex jimxi ’l quddiem fil-ħajja, bħala persuna, bħala Nisrani jew Nisranija. Illum se ngħaddilkom xi ħsibijiet dwar kif inkunu Knisja vera, jiġifieri individwi impenjati, f’għaqda mal-komunità li minnha nagħmlu parti. Il-Knisja u l-membri tagħha nserrħu fuq ħames pilastri indispensabbli sabiex ngħixu l-Vanġelu. Dawn huma:



**IL-KELMA T’ALLA.** Huwa importanti li nkunu midħla tal-Bibbja, Huwa importanti li nieħdu formazzjoni Biblika biex imbagħad inkunu ggwidati mill-Bibbja. Il-Bibbja hija n-nifs tal-Knisja,



**L-GĦAQDA.** Meta ma jkunx hemm għaqda, l-affarijiet ma jimxux. L-għaqda ma tiġix mix-xejn. Meħtieġa paċenzja biex ikollha l-għaqda. L-għaqda teżisti fejn wieħed jippromovi l-ħajja tal-ieħor, speċjalment l-iktar nies fraġli.



**ĊELEBRAZZJONI.** Fil-liturġija niltaqgħu ma’ Kristu. Il-liturġija, il-quddiesa b’mod speċjali, Huma l-quċċata u l-għajn tal-ħajja Nisranija.



**IL-QADI.** Il-Knisja tkun kredibbli meta taqdi liż-żgħir, lill-fqir. Il-Knisja hija ġenwina meta tagħti l-ewwel prijorità lill-vulnerabbli.



**XHIEDA.** Bil-ħajja tiegħu n-Nisrani jsir prietka. In-nies iridu jaraw l-eżempju u mhux sempliċement jisimgħu diskors sabiħ. B’din il-ħames dimensjoni aħna nsiru missjunarji.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## L-AVVIŻI:

***IL-ĦAJJA F’GĦAWDEX:*** Dawk li soltu jabbonaw fir-Rivista djoċesana *Il-Ħajja f’Għawdex*, li toħroġ kull xahar u kollha bil-kulur, jistgħu jġeddu permezz tal-voluntiera li f’dawn il-jiem qed jiġbru l-abbonamenti bieb bieb. Min jixtieq jabbona għall-ewwel darba, kulma għandu jagħmel hu jikteb ismu u l-indirizz, u jgħaddihom flimkien mal-ħlas fl-Uffiċċju Parrokkjali, inkella jżur il-Paġna ta’ Facebook *Il-Ħajja f’Għawdex* biex jabbona online. Il-prezz tal-abbonament hu ta’ €21 fis-sena.

**IR-RIGALI TAS-SIĠRA TAL-KARITÀ:** ittieħdu miż-żgħażagħ taċ-Ċentru d-Dar tal-Providenza, l-Istitut ta’ San Ġużepp (MSSP), Dar Għemmaws (il-Belt Victoria) u ngħataw għall-Caritas Parrokkjali u Djoċesan. Grazzi lil kull min ipparteċipa.

**ĦARĠA GĦALL-ANZJANI:** organizzata mill-Kunsill Lokali, nhar l-Erbgħa 25 ta’ Jannar. Tluq fl-4:00pm mill-Pjazza. Ikun hemm Quddiesa ġewwa l-kappella t’Għajnsielem u wara ikla. Għal aktar informazzjoni u biex tinkitbu morru l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

### LAQGĦA TA’ SPIRITWALITÀ TA’ DUN MIKIEL ATTARD

Il-laqgħa ta’ talb ta’ nofs siegħa, fuq l-ispiritwalità ta’ Dun Mikiel Attard kull **tielet Erbgħa** tax-xahar se ssir nhar l-**Erbgħa 18 ta’ Jannar, fis-5:45pm** fil-Knisja Parrokkjali tan-Nadur. Imexxi Dun Salv Muscat u l-mistieden speċjali huwa **Dun Noel Saliba** (Żebbuġ). Ejja int u ħajjar lil ħaddieħor.

**Ekoloġija Umana**

*When we are young, our mental stability depends on our home’s and parents’ stability. When we grow up, the mental stability starts to depend on the environmental stability.*

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am